QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 27 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 1962/97DM

George Sciberras ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta GMF Wood & Alumium Limited

vs

Solange Decesare

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur sabiex:

1 tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis- 26 ta' Novembru 1996 fil-limiti tal-Madliena waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-vettura numru tar-registrazzjoni S0S 111, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r- Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li hija habtet mall-vettura numru S-2016 propjeta tal-attur nomine u dak il-hin kienet qed tinsaq minn George Sciberras,

2 tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine okkorendo bl-opera ta' periti nominandi

3 tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra Ufficjali tad-9 ta' Gunju 1997 kontra l- konvenuta li giet ingunta minn issa ghas – subizzjoni u tal- ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma l-Avviz

Jigi dikjarat li l-ammont ta' danni kagonati ma jecedix il-kompetenza ta' din il-Qorti u cioe l-elf lira Maltin..

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Solange Decesare  fejn eccepiet:

1 Illi hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-avviz premess stante li ghall-habta 'de quo' kien unikament responsabbli George Sciberras minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;  u

Ikkunsidrat:-

Illi stant d-djuq tat-triq li kienu qed isuqu fiha l-kontendenti, kien obbligu taz-zewg sewwieqa li jipprocedu b'mod prudenti u jiehdu kull prekawxjoni ghall-eventwalita' li jiltaqghu ma vettura ohra.

Il-manuvra biex iz-zewg vetturi jghaddu minn hdejn xulxin kienet tirrikjedi velocita ' moderata stant l-ispazju ristrett.

Minn dak li jirrizulta mill-isketch ta' PS139 Ronald Azzopardi jidher li kienet biss il-konvenut li ma kienetx qed issuq bil-velocita' dettata mic-cirkostanzi, infatti halliet 8.10 metri 'brake marks' f'telgha iebsa u waqfet biss bil-habta.  Dan huwa indikativ ta velocita' approssimativa ta' almenu 30 k.f.s.  li kien eccessiv ghall-lokal tant li l-istess konvenuta tilfet il-kontroll u baqghet sejra fuq il-karreggjata tal-attur u kkawzat il-habta.

Minn-naha tieghu l-attur b'vettura tqila u ghan-nizla halla biss 5.90 metri ta sinjali u baqa fil-kontroll tal-vettura tieghu u halla dejjem bizzejjed spazju fuq ix-xellug biex setghet tghaddi il-konvenuta kieku saqghet b'mod iktar prudenti.

Ghalhekk issib li kienet il-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u trid ghalhekk tirrispondi ghad-danni kkagunati.

Mir-ricevuti esibiti u d-deposizzjoni tal-attur, jirrizulta ppruvat li d-danni totali li sofra b'rizultat tal-habta jammontaw ghas-somma ta' Lm826.64 skond il-prospett a fol 33 (Dok GS1).

Ghalhekk tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis- 26 ta' Novembru 1996 fil-limiti tal-Madliena waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-vettura numru tar-registrazzjoni S0S 111, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r- Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li hija habtet mall-vettura numru S-2016 propjeta tal-attur nomine u dak il-hin kienet qed tinsaq minn George Sciberras, tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' LM826.64; u tikkundanna lill-konvenuta thallas dan l-ammont ta LM826.64 lill-attur flimkien mall-imghaxijiet legali mill-24 ta' Novembru 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23